# Is-Sena ta' Hompesch

*minn Guido Lanfranco*

## Bliet

Għandi naħseb li din is-sena fis-Siġġiewi se jsiru bosta kitbiet u tifkiriet f'għeluq il-mitejn sena minn meta dan ir-raħal ġie mgħolli għad-dinjità ta' belt mill-Gran Mastru Ferdinand von Hompesch, li fit-30 ta' Diċembru 1797 tah l-isem ta' Città Ferdinand. Minħabba dan, għalkemm qed infakkar din l-okkażjoni, mhux fi ħsiebi nikteb dwarha, iżda biss se nsemmi fil-qosor xi ftit mill-ġrajjiet li seħħew f'dik l-istess sena biex wieħed iħoss x'kien l-isfond storiku li fih sar dan. Billi dawk iż-żminijiet ma kienx hemm gazzetti, ma tistax taqbad u tmur il-biblijoteka biex tikkonsultahom u tara x'sar f'dik is-sena, għalhekk naħseb li din il-kitba qasira tiswa biex turi stampa aktar wiesa' ta' dik is-sena.

Qabel ma s-Siġġiewi sar Città Ferdinand, il-Gran Mastru kien ġie mistieden jattendi għall-festa ta' San Nikola li saret fis-6 ta' Diċembru. Fl-istess jum li ta l-isem lis-Siġġiewi, hekk ukoll għamel għaż-Żejtun li semmieh Città Beland, li kien kunjom ommu, wara li fil-25 ta' Novembru kien mar hemm għall-festa ta' Santa Katarina. Hompesch ġie elett Gran Mastru fis-17 ta' Lulju, 1797 wara li miet De Rohan, u fil-ftit xhur dik is-sena ħoloq tlitt ibliet, għax minbarra Città Ferdinand u Città Beland, għolla wkoll lil Ħaż-Żabbar għal Città Hompesch fl-14 ta' Settembru, wara li kien mar għall-festa tal-Madonna tal-Grazzja ftit jiem qabel.

## L-Ordni f'diffikultajiet finanzjarji u politiċi

F'dawk iż-żminijiet l-Ordni ta' San Ġwann kienet fi kriżi finanzjarja serja, saħansitra kellhom idewbu bosta mill-fided ta' l-isptar u ta' San Ġwann biex jagħmlu l-muniti. Fi Franza kienu tilfu l-proprjetà tagħhom wara r-rivoluzzjoni u Napuljun kien qed jissielet fl-Italja fejn ukoll komplew jitilfu aktar minn ġidhom. Ġa f'Jannar De Rohan kien għamel xi ftehim ma' l-Imperatur tar-Russja biex dan ikun meqjus bħala l-protettur ta' l-Ordni, u għalhekk Hompesch kellu jġedded dan il-ftehim. Is-sibi jew korsa (jew piraterija), dak iż-żmien kien meqjus bħala xogħol regolari li kienu jagħmluh ukoll il-kavallieri, u kien sors ta' dħul ta' ġid lejn Malta, għalhekk l-Ordni żieded il-permessi għal dan ix-xogħol, u fejn is-sena ta' qabel kienu ħarġu 76 permess f'din is-sena ħarġu 140. Iżda l-Ordni kellha diffikultajiet oħrajn, għax minbarra li l-ftehim mal-Kżar tar-Russja m'għoġobx lil Franza, Napuljun kien ġa qed jippjana li jaħtaf il-Gżejjer Maltin. Tabilħaqq is-segretarju tal-Legazzjoni Franċiża, Poussielge, ġie Malta bi skuża li se jinviżta xi qarib, iżda wara ftit bagħat rapport lil Napuljun dwar is-sitwazzjoni lokali, u Mikiel Anton Vassalli nstab li kien involut f'xi nasba kontra l-Ordni. Is-sena ta' wara, Napuljun daħal

*(ikompli paġna 43)*

f'Malta, u Hompesch kellu jispiċċa u l-Ordni xxolji...

### Ġrajjiet oħra

Fi Frar ta' dik is-sena għamel bard kbir li baqa' jissemma' għax bil-kesħa mietu bhejjem u bnedmin. F'Ottubru kienet daħlet sajjetta fil-knisja tal-Karmnu l-Belt Valletta, u waqgħet il-faċċata tal-knisja. F'Ħal Tarxien ġiet ikkonsagrata l-knisja ta' San Bert (Bon Kunsill), u f'Birkirkara saret il-faċċata ta' dik Tal-Ħerba. Ta' Santa Ubaldeska f'Raħal Ġdid, ġiet taħt kontroll ekkleżjastiku. Fil-Gżira Manoel (Manoel Island) inbnew imħażen li ftit żmien wara, kienu nħbew fihom Maltin f'komplott kontra l-Franċiżi, iżda nqabdu u bosta ġew kundannati għall-mewt. Il-papa ddikjara li l-isqfijiet Maltin jibdew ikunu wkoll titulari ta' Rodi, u Labini kien l-ewwel wieħed li messu dan it-titlu. Dak iż-żmien kien hemm xi tilwim, bħalma spiss kien jinqala' bejn l-Isqof u l-Inkiżitur. Sadanittant saret viżta pastorali f'Għawdex. Piju VI ukoll għamel donazzjoni ta' relikwa ta' San Lawrenz lill-parroċċa tal-Birgu.

### Personalitajiet

F'din is-sena 1797 kienu twieldu l-professur Ferdinando Caruana Dingli, l-iskultur Salvu Psaila, il-Mosti Tommaso Ċhetcuti psikjatra, Richard More O'Ferral, fl-Irlanda, li wara sar gvernatur ta' Malta, Ida Pfeiffer kittieba li ġiet u kitbet dwar artna u Santa Emilia de Vialar, fundatriċi tas-sorijiet ta' San Ġuzepp, u li kienet ukoll ġiet Malta fl-1842. Mietu l-pittur Anton Xuereb u Angelica Kauffmann pittriċi rappreżentata fil-mużew tal-kattidral fl-Imdina. Kienu laħqu kappillani Feliċ Calleja fil-mosta, Francesco Decaro f'Ħal Balzan, u Onofrio Ruffi f'Tal-Griegi l-Belt Valletta. Laħqu wkoll il-markiż Saver Alessi bħala segreto ta' l-Ordni, Giuseppe Nicola Zammit bħala prosekutur pubbliku fil-Castellania, Aurelio Badat bħala professur tal-kirurġija u Francesco Attard sar sindku għal Għawdex. Sadanittant Mariano Gerada għamel l-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar f'dan iż-żmien, u Albert Thorvaldson, skultur Daniż għadda ftit taż-żmien f'Malta.

Dawn kienu ftit mill-avvenimenti ta' l-1797, iżda għat-tlitt ibliet li semmejna, tagħhom, hija l-akbar ġrajja li ħaqqha titfakkar.


**AMANDA BUGEJA**

*Accepts orders for singing at parties, Get-togethers, Weddings, Engagements, Baptisms, etc.*

FOR APPOINTMENT
Tel. 464253

Address: "Il-Ħolma" 5
Dun Manuel Zammit Street
Siġġiewi